MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2013

Numru 15/2012

**“Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond J. Borg)**

**v.**

**Kimberlyn Xuereb”**

**Il-Qorti:**

**1.** Reġgħet rat in-nota ta’ l-uffiċjal tal-*probation* Odelsie Bayliss tad-19 ta’ April 2012 li bih għamlet denunzja fis-sens ta’ l-artikolu 21 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta’ Malta, u fejn infurmat lil din il-Qorti li l-imsemmija Kimberlyn Xuereb naqset milli tieħu l-għajnuna meħtieġa minħabba l-vizzju tad-droga, naqset milli toqgħod għad-direttivi mogħtija lilha mill-uffiċjal tal-*probation*, u qed turi inkonsistenza fil-kuntatt tagħha ma’ l-Uffiċċju u l-uffiċjal tal-*probation;*

**2.** Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis-26 ta' Settembru 2011 li permezz tagħha dik il-Qorti, fuq ammissjoni, u wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6 u l-artikoli 22(2)(b)(ii), il-*proviso* ta' artikolu 22(9) u l-artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta u r-regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02, sabet lill-imsemmija Kimberlyn Xuereb ħatja talli f'dawn il-Gżejjer, nhar-is 17 ta' Frar 2011, kif ukoll fl-aħħar sena, f'ħinijiet differenti u fi bnadi oħra f'Malta:

(1) forniet jew ipprokurat jew offriet li tforni jew li tipprokura d-droga eroina, speċifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta lil persuna jew persuni jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellha liċenzja mill-President ta' Malta mingħajr ma kienet awtorizzata bir-Regoli tal-1939 għall-Kntroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita` mogħtija mill-President ta' Malta li tforni d-droga msemmija u minghajr ma kienet fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-Sitt Taqsima ta' l-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellha liċenzja jew xort'oħra awtorizzata li timmanifattura jew tforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellha liċenzja li tipprokura l-istess droga;

(2) kellha fil-pussess tagħha d-droga eroina, speċifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kinitx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kinitx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzata li timmanifattura jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kinitx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess tagħha u naqset li tipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilha għall-użu tagħha skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija;

**3.** Rat l-ordni ta' *probation* ta' l-istess data magħmul ai termini ta' l-artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront ta' l-imsemmija Kimberlyn Xuereb u li stabbilixxiet is-segwenti kondizzjonijiet:

**"1. Li matul il-perijodu ta' *probation* il-ħatja għandha ġġib ruħha tajjeb, toqgħod għad-direttivi kollha tal-*probation officer* u żżomm dak il-kuntatt meħtieġ u mitlub mill-uffiċjal tal-*probation* maħtur lilha;**

**"2. ....**

**"3. Il-ħatja għandha tavża immedjatament lill-uffiċjal tal-*probation* b'kull bdil li talvolta taghmel fl-indirizz residenzjali taghha;**

**"3. Li ghandha zzomm ruhha f'kuntatt ma' l-ufficjal tal-*probation* skond id-direttivi li tagħtiha minn żmien għall-ieħor l-istess uffiċjal tal-*probation*; u partikolarment li hija għandha, jekk l-uffiċjal tal-*probation* ikun irid/trid, tirċievi żjarat ta' l-istess uffiċjal tal-*probation*."**

**4.** Semgħet id-deposizzjonijiet mogħtija mill-uffiċjal tal-*probation* Odelsie Bayliss f'diversi seduti stante li, fuq struzzjonijiet tal-Qorti, baqgħet issegwi l-andament tal-*probationer*; rat l-atti l-oħra tal-kawża; ikkunsidrat:

**5.** Mix-xiehda ta' l-uffiċjal tal-*probation* m'hemmx dubju illi l-*probationer* kellha problema ta' abbuż ta' droga li ma kinitx qed tiffaċċja kif imissha. Din il-Qorti riedet tagħti lill-*probationer* l-opportunita` illi tirrejalizza illi kellha bżonn għajnuna minħabba l-vizzju tad-droga. L-uffiċjal tal-*probation* baqgħet tippersisti mal-*probationer* u fl-10 ta' Ottubru 2012 l-istess uffiċjal irrapportat kambjament pożittiv billi l-*urine tests* kienu negattivi, il-*probationer* bdiet tattendi *sessions* ma' Audrey Falzon, *keyworker* fl-Aġenzija SEDQA, u żammet kuntatt mat-tabib Dr. George Grech fid-Detox. Hija ċertament ħasra li l-*probationer* damet ma rrejalizzat li għandha bżonn l-għajnuna sabiex tegħleb il-vizzju tad-droga. Fortunatament sar progress sostanzjali iżda teħtieġ aktar għajnuna u superviżjoni.

Għalhekk huwa l-każ illi l-*probationer* tibqa' taħt *probation*, b'dan illi, stante illi parti sostanzjali tal-perijodu oriġinali ta' *probation* għadda mingħajr ma kien ġie reġistrat progress, għandu jsir ordni ġdid ta' *probation*.

**6.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi, a tenur tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 21 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li kkonstatat li l-*probationer* Kimberlyn Xuereb kisret l-ordni ta' *probation* tas-26 ta' Settembru 2011, tirrevoka l-istess ordni u tittratta magħha mill-ġdid għall-imputazzjonijiet dedotti kontra tagħha imsemmija hawn fuq (paragrafu tnejn), u wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6 u l-artikoli 22(2)(b)(ii), il-*proviso* ta' artikolu 22(9) u l-artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta u r-regolamenti 4 u 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02 G.N. 292/1939), kif ukoll l-artikolu 37 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta stante li l-ħatja kien għad għandha sbatax-il sena fil-perijodu mertu ta' dan il-każ, tqiegħdha mill-ġdid taħt *probation* a tenur ta' l-artikolu 7 tal-Kap. 446 għal perijodu ta' tliet snin millum taħt is-sorveljanza ta' uffiċjal tal-*probation* li jiġi nominat/tiġi nominata għal dan l-iskop u bil-kondizzjonijiet kollha fil-*probation order* li qiegħed jiġi hawn anness, u liema kondizzjonijiet il-ħatja ddikjarat li hija taċċetta. Tordna li kopja ta' l-ordni ta' *probation* tiġi minnufih komunikata lill-*probationer* u lill-Uffiċjal Principali tal-*Probation*.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------